

Brussell, 12 ta' Mejju 2016
(OR. en)

8833/16

DEVGEN 91
ACP 69
RELEX 380
SOC 249
WTO 130
COMER 59
FDI 8

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	12 ta' Mejju 2016
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	8577/16
Suġġett:	L-UE u Katini ta' Valur Mondjali Responsabbli - Konklużjonijiet tal-Kunsill (12 ta' Mejju 2016)

1. Id-delegazzjonijiet ser isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-UE u Katini ta' Valur Mondjali Responsabbli, kif adottati mill-Kunsill fit-3462 laqgħa tiegħu li saret fit-12 ta' Mejju 2016.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-UE u Katini ta' Valur Mondjali Responsabbli

Introduzzjoni

1. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-katini ta' valur mondjali (GVCs) saru element importanti mix-xejriet ta' produzzjoni globali. Il-kumplessità tal-GVCs toħloq il-ħtieġa għal aktar involviment u li jkun proattiv fl-UE u barra minnha biex tkun żgurata l-ġestjoni xierqa tagħhom għal tkabbir inklużiv u sostenibbli. F'dan ir-rigward, il-Kunsill ifakkar li wieħed mill-objettivi tal-UE huwa li tiżgura li t-tkabbir ekonomiku u l-iżvilupp inklużivi jimxu id f'id mal-ġustizzja soċjali, id-drittijiet tal-bniedem, inklużi l-standards fundamentali tax-xogħol, u prattiki ambjentali u oqfsa ta' politika sostenibbli.¹ Il-Kunsill jenfasizza li din il-kwistjoni hija partikolarment rilevanti fil-kuntest tal-iżvilupp, peress li l-pajjiżi li qed jiżviluppaw ħafna drabi jkollhom sfidi sostanzjali f'termini ta' żvilupp sostenibbli u tkabbir għal dawk l-aktar vulnerabbli.
2. Il-Kunsill jenfasizza r-rwol importanti tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, inkluża l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa, u jfakkar fil-konklużjonijiet tiegħu tas-26 ta' Mejju 2015², li jenfasizzaw b'mod partikolari l-ħtieġa għall-promozzjoni ta' koerenza politika, oqfsa politiċi favorevoli u l-mobilizzazzjoni tas-settur privat. Il-Kunsill ifakkar ukoll fl-Aġenda għall-Bidla³, li tiffoka l-politika kummerċjali u tal-iżvilupp tal-UE fuq il-pajjiżi l-anqas żviluppati (LDCs) u l-pajjiżi l-aktar fil-bżonn, inkluż fil-forma ta' preferenzi kummerċjali jew Għajjnuna għall-Kummerċ.

¹ Artikolu 3 TUE.

² 9241/15.

³ 15560/11 - COM(2011) 637 finali.

3. Il-Kunsill ifakkar fil-konklużjonijiet tiegħu dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Kummerċ għal kulħadd: Lejn politika aktar responsabbli għall-kummerċ u l-investiment"⁴, li jenfasizzaw il-kontribut li l-istrumenti kummerċjali tal-UE jistgħu jagħtu għall-iżvilupp sostenibbli, id-drittijiet tal-bniedem u l-governanza tajba. Il-Kunsill jilqa' d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni⁵ li jirrapporta dwar l-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni dwar "Il-kummerċ, it-tkabbir u l-iżvilupp"⁶ u s-segwitu għall-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "l-approċċ tal-UE għall-kummerċ, it-tkabbir u l-iżvilupp fid-deċennju li jmiss". Il-Kunsill jilqa' wkoll l-inizjattivi ma' msieħba tagħna li jippromwovu standards ambjentali aċċettati internazzjonalment kif ukoll id-drittijiet tal-ħaddiema u s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, bħalma huma l-Patt għas-Sostenibbiltà fil-Bangladesh u l-inizjattiva għad-Drittijiet tal-ħaddiema fil-Myanmar.
4. Il-Kunsill ifakkar fil-konklużjonijiet tiegħu dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Rwol aktar b'saħħtu tas-settur privat fil-kisba ta' tkabbir inklużiv u sostenibbli fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw"⁷, li jenfasizza l-ħtieġa għal responsabbiltà soċjali korporattiva (CSR), l-involvement tas-settur privat u l-ġestjoni responsabbli tal-GVCs fil-kisba ta' tkabbir ekonomiku inklużiv u sostenibbli, kif ukoll opportunitajiet ta' negozju. Il-provenjenza u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali huma essenzjali f'dan ir-rigward.
5. Il-parteċipazzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (MSMEs) f'katini ta' valur mondjali jista' jkollha benefiċċji sostanzjali. L-intrapriżi multinazzjonali jista' jkollhom rwol kostruttiv fis-sħubija mal-MSMEs u fil-faċilitazzjoni tat-tixrid tal-għarfien, il-ħiliet u t-teknoloġija, inkluż fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' standards ambjentali u soċjali.

⁴ 14708/15.

⁵ 6554/16 - SWD(2016) 47 finali.

⁶ 5887/1/12 REV 1 - COM(2012) 22 finali.

⁷ 16856/14.

6. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-kontribut tal-Istrateġija tal-UE għas-CSR⁸ u l-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni dwar “Il-provenjenza responsabbli ta’ minerali f’żoni affettwati minn kunflitti u f’żoni ta’ riskju għoli”⁹, u l-Pjan ta’ Azzjoni tal-UE għall-Ekonomija Ċirkolari.¹⁰ Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li għandhom is-CSR/RBC (“Responsible Business Conduct” - imġiba kummerċjali responsabbli)¹¹ biex jistimulaw l-iżvilupp sostenibbli, il-ħolqien ta’ impjiegi deċenti u t-tiġid tal-pożizzjoni soċjali u ekonomika ta’ kulħadd, partikolarment in-nisa u ż-żgħażaġh, kif ukoll ta’ kategoriji vulnerabbli li jinkludu l-persuni b’diżabilità.

⁸ 16606/11 - COM(2011) 681 finali.

⁹ 7704/14 - JOIN(2014) 8 finali.

¹⁰ COM (2015) 614 finali.

¹¹ L-UE tuża s-CSR u l-RBC mingħajr distinzjoni. Fl-2011, l-Istrateġija tal-UE għas-CSR iddefiniet ir-responsabbiltà soċjali korporattiva bħala “ir-responsabbiltà tal-impriżi għall-impatti tagħhom fuq is-soċjetà” u enfasizzat li “biex iwettqu bis-sħiħ ir-responsabbiltà soċjali korporattiva, l-impriżi għandu jkollhom proċess operattiv li jintegra r-responsabbiltajiet soċjali, ambjentali, etiċi u dawk li jirrigwardaw id-drittijiet tal-bniedem u tal-konsumatur fl-operazzjonijiet ta’ negozju u l-istrateġija ewlenija tagħhom b’kollaborazzjoni mill-qrib mal-partijiet interessati”.

7. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza ta' approċċi inklużivi u sostenibbli kif miftehma fl-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tal-Aġenda 2030, b'mod partikolari dawk dwar il-produzzjoni sostenibbli, il-konsum sostenibbli u x-xogħol deċenti, u jilqa' l-kooperazzjoni internazzjonali intensifikata fl-RBC. Il-Kunsill jagħraf il-ħidma importanti magħmula mill-UE u l-Istati Membri tagħha biex jippromwovu l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-konvenzjonijiet tan-NU dwar it-tibdil fil-klima u l-bijodiversità, kif ukoll ta' linji gwida u prinċipji rikonoxxuti internazzjonalment. Dawn jinkludu l-Linji Gwida tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD) għal Intrapriżi Multinazzjonali, kif ukoll il-Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta għal Ktajjen ta' Provvista Responsabbli tal-Minerali minn Żoni Affettwati mill-Kunflitti u Żoni ta' Riskju Għoli, il-Prinċipji Gwida dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU u l-prinċipji għal investment responsabbli fis-sistemi agrikoli u alimentari tal-Kumitat dwar is-Sigurtà Alimentari Dinjija. Il-Kunsill jilqa' l-ħidma mwettqa f'dan il-qasam mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) u tistenna bil-ħerqa l-impenn kollettiv attiv fid-diskussjonijiet dwar xogħol deċenti fil-ktajjen tal-provvista globali¹² fil-105 Konferenza Internazzjonali dwar ix-Xogħol f'Ġunju 2016. Il-Kunsill jappoġġa bis-sħiħ id-dikjarazzjoni tal-mexxejja fis-Summit tal-G7 tal-2015, li tagħraf ir-responsabbiltà konġunta tal-gvernijiet u tan-negozji biex irawmu ktajjen tal-provvista responsabbli, u biex flimkien jippromwovu l-fehim tad-diliġenza dovuta. Il-Kunsill jappoġġa wkoll ir-rikonoxximent mill-mexxejja tal-G20 tal-importanza tat-trawwim ta' postijiet tax-xogħol aktar sikuri u tajbin għas-saħħa inkluż fil-ktajjen tal-provvista globali (is-Summit ta' Antalya tal-2015). Il-Kunsill ifakkar li l-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jippromwovu ambjent fiskali internazzjonali trasparenti, kooperattiv u ġust f'konformità mal-prinċipji ta' governanza tajba. It-trasparenza finanzjarja għandha tissaħħaħ, u dan jista' jinkludi skambji relatati f'dan ir-rigward bejn l-awtoritajiet rilevanti.

¹² “Katini ta' Provvista” u “Katini ta' Valur” huma termini simili li jirreferu għall-katina sħiħa tal-produzzjoni, mill-materja prima tal-ipproċessar sal-prodotti għall-utent aħħari. Skont il-kuntest, it-terminu “katina ta' provvista” jista' jintuża biex jirreferi speċifikament għall-proċess tal-partijiet kollha involuti fil-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' prodott bażiku u t-terminu “katina ta' valur” għall-ġabra ta' attivitajiet marbuta ma' xulxin li bihom kumpanija żżid il-valur ta' oġġett. Madankollu, hawnhekk qed jintużaw mingħajr distinzjoni.

8. Il-Kunsill jenfasizza li l-UE u l-Istati Membri tagħha, li kollettivament huma l-akbar suq fid-dinja u l-akbar fornitur ta' Għajjuna għall-Kummerċ b'aktar minn terz tat-total tal-assistenza uffċjali għall-iżvilupp (ODA) tal-UE tappoġġa l-ħtiġijiet relatati mal-kummerċ, jistgħu jisfruttaw din il-pożizzjoni biex jagħmlu GVCs aktar sostenibbli u inklużivi speċjalment f'dawk is-swieq fejn jaqilgħu l-għajxien tagħhom dawk l-aktar foqra.

Inżidu l-isforzi konġunti tagħna

9. Il-Kunsill ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ikomplu jiżguraw li l-politiki jikkontribwixxu għall-appoġġ tas-sostenibbiltà fil-katini ta' valur mondjali u jippromwovu l-prinċipji tas-CSR, b'mod partikolari billi jirrispettaw il-prinċipji tas-CSR fil-formulazzjoni tal-għodod ta' politika tal-UE u permezz ta' proġetti ffinanzjati mill-UE. Barra minn hekk, il-Kunsill ihegġegħ lill-Kummissjoni biex ittejjeb l-implimentazzjoni tad-diliġenza dovuta u trawwem djalogu u kooperazzjoni fost il-partijiet konċernati pubbliċi u privati kollha rilevanti, sabiex jinkisbu kondizzjonijiet ugwali fil-livell globali, u biex jiġu implimentati miżuri ta' politika maħsuba biex jippromwovu, pereżempju, diliġenza dovuta fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem fuq livell ta' kumpanija. Bħala tali, aġir responsabbli fin-negozju jista' fl-aħħar mill-aħħar jagħti vantaġġ kompetittiv. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-importanza ta' appoġġ kontinwu għat-tisħiħ tas-sistemi regolatorji nazzjonali għal swieq sostenibbli u inklużivi.
10. Il-Kunsill jilqa' l-inklużjoni sistematika fil-ftehimiet kummerċjali kollha tal-UE ta' dispożizzjonijiet dwar kummerċ u żvilupp sostenibbli (TSD), li jinkludu impenji mill-partijiet biex jirrispettaw l-istandards fundamentali tax-xogħol u konvenzjonijiet oħra tal-ILO kif ukoll il-ftehimiet ambjentali multilaterali prinċipali. Id-dispożizzjonijiet tat-TSD jippromwovu l-linji gwida u l-prinċipji rilevanti tas-CSR miftehma f'livell internazzjonali. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta aġġornament regolari u segwitu għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-TSD billi tagħmel użu effettiv mill-għodod eżistenti tar-rappurtar u l-monitoraġġ.

11. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex fil-politiki interni u esterni jkomplu jaħdmu għall-Koerenza tal-Politika għall-Iżvilupp kif prevista fl-Artikolu 208 TFUE. Jeħtieġ jittfixx sinerġiji bejn l-għodod tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, il-politika ambjentali u l-kummerċ, b'mod partikolari biex joħroġ il-potenzjal sħiħ tagħhom miġburin flimkien u biex jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni u l-progress tal-kapitoli tat-TSD u dispożizzjonijiet oħra rilevanti għall-iżvilupp sostenibbli, sabiex jimmassimizzaw l-impatt tal-iżvilupp. Dan jinkludi t-tisħiħ tal-kapaċitajiet, id-djalogu politiku u l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili, is-sħab soċjali u partijiet konċernati oħra. Il-Kunsill jistenna b'interess ir-reviżjoni li jmiss tal-Istrateġija Konġunta tal-UE għall-Għajnuna għall-Kummerċ biex jissaħħu s-sinerġiji fil-qasam tal-kummerċ u l-iżvilupp, b'mod partikolari bl-għan li jinkisbu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli relatati.
12. Il-Kunsill jappoġġa l-isforzi għall-promozzjoni ta' katini ta' provvista responsabbli permezz ta' inizjattivi bħall-Inizjattiva Ħwejjeġ tal-UE u oħrajn fis-settur agrikolu bħall-Pjan ta' Azzjoni għall-Infurzar tal-Liġi, Tmexxija u Kummerċ fis-Settur Forestali (FLEGT), id-Dikjarazzjonijiet ta' Amsterdam dwar id-deforestazzjoni u dwar il-provvista sostenibbli ta' żejt tal-palm, kif ukoll f'setturi oħra. Il-Kunsill iħeġġeġ bil-qawwa lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jaqsmu bejniethom l-aħjar Prattiki, inkluża l-promozzjoni ta' approċċi ġodda u innovattivi, u biex ikabbru u jħaffu inizjattivi bħal dawn. L-iżvilupp ta' Sħubija Pubblika-Privata għall-Provenjenza Responsabbli ta' Minerali u inizjattivi oħra għal provenjenza responsabbli ta' minerali f'żoni affettwati minn kunflitti u f'żoni ta' riskju għoli huma għodod utli f'dan ir-rigward.
13. Il-Kunsill jappoġġa approċċi li jinvolvu għadd ta' partijiet konċernati fl-UE u f'pajjiżi sħab fil-livelli kollha. Dawn jistgħu jinvolvu organizzazzjonijiet internazzjonali, is-soċjetà ċivili u s-sħab soċjali, is-settur privat u l-gvernijiet, kif ukoll korpi pubbliċi oħra, kif meħtieġ u bl-appoġġ tad-delegazzjonijiet tal-UE, li għandhom rwol importanti fil-promozzjoni tas-CSR fil-katini ta' valur mondjali. Ftehimiet kollettivi transnazzjonali bħal pereżempju Ftehimiet ta' Qafas Dinji li jinkludu l-fornituri huma strumenti prezzjużi f'dan ir-rigward. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli tappoġġa l-azzjonijiet maħsuba biex itejbu l-involviment tas-settur privat fl-iżvilupp u fl-RBC.

14. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li titkompla l-promozzjoni tal-adozzjoni tal-prinċipji, il-linji gwida u l-inizjattivi dwar is-CSR/RBC miftehma f'livell internazzjonali, bħal pereżempju l-Prinċipji Gwida dwar in-Negożju u d-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, il-Patt Globali tan-NU, id-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-ILO dwar il-Prinċipji li jikkonċernaw l-Intrapriżi Multinazzjonali u l-Politika Soċjali, u l-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali, inkluż f'pajjiżi li mhumiex membri tal-OECD, li tikkontribwixxi wkoll għall-isforzi kontra l-korruzzjoni billi toħloq ambjenti tan-negożju aktar liberi u trasparenti. Għandha ssir promozzjoni tal-akkwist pubbliku sostenibbli. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-ugwaljanza bejn is-sessi u li tkun żgurata l-parteċipazzjoni sħiħa, ugwali u effettiva tan-nisa fil-livelli kollha tat-teħid tad-deċiżjonijiet, f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2016-2020.
15. Il-Kunsill iħegġegħ lill-Kummissjoni, lis-SEAE u l-Istati Membri biex jintensifikaw il-ħidma tagħhom dwar l-imġiba kummerċjali responsabbli. Dan jinkludi, fost oħrajn, Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali dwar is-CSR/RBC u dwar in-negożju u d-drittijiet tal-bniedem mill-Istati Membri, u t-tnedija mill-Kummissjoni ta' Pjan ta' Azzjoni ġdid tal-UE dwar l-RBC fl-2016. Dawn il-Pjanijiet ta' Azzjoni għandhom jispeċifikaw azzjonijiet konkreti biex jingħelbu l-isfidi soċjali, ambjentali u ta' governanza attwali u futuri kif ukoll prijoritajiet għall-implimentazzjoni tal-Prinċipji Gwida dwar in-Negożju u d-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU.